**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 357/2016**

**FD u ED**

**rispettivament**

**vs**

**Crystal Finance Investments Ltd.**

**(C26761)**

**Seduta tas-26 ta' Jannar, 2017**

**L-Arbitru**

Ra l-ilment ipprezentat fis-7 ta' Lulju, 2016, fejn l-ilmentaturi qeghdin jilmentaw illi:

1. Saru irregolaritajiet meta nbidel ir-*risk profile* taghhom u ma giex spjegat lilhom ir-riskju propju tal-investiment;
2. Illi ma gewx spjegati lilhom il-formoli li kienu qed jimlew;
3. Illi l-klijenti ma kellhomx l-esperjenza mehtiega sabiex ikunu eligibbli li jidhlu f'investiment b'*return* gholi u klassifikat BBB-, u ghalhekk ma kienx fil-klassi ta' *investment grade;*
4. Ma gewx iggwidati u informati sew bit-tip ta' riskju li kienu qeghdin jiehdu meta nvestew il-flus li gemmghu tul hajjithom kollha f'8.25% *bonds* mal-kumpanija *MT-Energie GmbH*, liema *bonds* xejn ma kienu mexjin tajjeb minn ferm qabel ma l-ilmentaturi nvestew fihom;

5. L-ilmentaturi ma kellhom ebda esperjenza fil-qasam tal-investiment u ghaldaqstant, jilmentaw li ma kellhomx jigu rrakkomandati biex jinvestu f'dawn it-tipi ta' *bonds* li huma riskjuzi hafna, meta huma specifikaw li l-intenzjoni tal-investiment taghhom kien li jippreservaw il-kapital taghhom;
6. Barra minn hekk, il-kumpanija li harget dawn il-*bonds* kienet riesqa lejn proceduri ta' insolvenza, u dwar dan, l-ilmentaturi qatt ma gew informati;
7. Lanqas inghataw parir f'waqtu biex jirkupraw kemm jistghu mill-investiment taghhom;
8. L-ilmentaturi jippretendu l-ammont kollu li nvestew, li jammonta ghal €11,000, u jigu rifondati l-ispejjez professjonali li hallsu lil *Crystal Finance Investments Ltd.*, li jammontaw ghal 2%, u l-ispejjez legali kollha li saru fil-process ta' dan l-ilment.

**Ra r-risposta** tal-provditur tas-servizz finanzjarju (Provditur tas-Servizz) li eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-"Arbitru"), m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-vertenza odjerna billi l-partijiet issottomettew ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (anness u immarkat bhala 'Dok CFI1') liema artikolu jispecifika bl- aktar mod car illi '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts'* u ghalhekk l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smiegh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment;

2. Illi wkoll preliminarjament, fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, l-azzjoni kontra s-Socjeta` Esponenti waqghet bil-preskrizzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi kwalsiasi forma ta' interazzjoni extra-kuntrattwali jew kuntrattwali li setghet sehhet bejn il-partijiet, u r-relazzjonijiet bejn il-partijiet jekk qatt kienu jezistu tali relazzjonijiet diretti, sehhew sew qabel id-dekadenza tal-perjodi ta' preskrizzjoni applikabbli;

3. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjeta` Esponenti teccepixxi in-nullita` tal-Ilment ai termini tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu iffaccjata bl-Ilment kif gie redatt, is-Socjeta` Esponenti ma tistax tressaq difiza adegwata billi mill-istess Ilment ma jirrizultax/jirrizultawx in-nuqqas/ijiet tas-Socjeta` Esponenti li jaghtu lok ghall-Ilment u kwalunkwe dritt pretiz minnu. Fic-cirkostanzi ma huwiex possibbli li s-Socjeta` Esponenti taghraf il-bazi tal-istess Ilment (u allura l-eccezzjoni u sussegwentement il-prova Ii trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputat taghha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjonijiet ghad- danni allegati li fi kwalunkwe kaz huma r-rizultat ta' fatturi totalment estranei ghas-Socjeta` Esponenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-atturi huma ghal kollox fiergha u infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex f'kull waqt is-Socjeta` Esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi, kif jista', jekk ikun hemm il-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh ta' dan il-kaz;

5. Illi wkoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghall-eccezzjoni li ssegwi, l-Ilment ma huwiex gustifikat in kwantu t-telf li garrbu s-Sinjuri FD u ED huwa rizultat ta' *Market Risk*, riskju inerenti ta' kull investiment finanzjarju specjalment meta wiehed iqis li bejn l-2005 u l-2015 kien hemm l-akbar krizi finanzjarja f'dawn l-ahhar mitt sena;

6. Illi fil-mertu l-Ilment u t-talbiet tal-atturi huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ilment ma huwiex gustifikat inkwantu huwa car ukoll li:

    a. Kwalunkwe telf li garrbu s-Sinjuri FD u ED huwa rizultat ta' *Credit Risk,* riskju inerenti ta' investiment f'*bonds* bhal dak li fihom investew l-atturi u liema *bond* kien, fil-hin meta nghata l-parir lill-atturi, jghodd jew *suitable* ghalihom; u
    b. Ghalkemm il-konjugi FD u ED qeghdin jilmentaw li tilfu xi flus fuq investiment wiehed (cioe il-*bond 8.25% MT Energie GmbH 2012*), ma jsemmux li l-atturi ilhom jinvestu f'*bond*s u investimenti tal-istess tip mis-sena elfejn u hamsa (2005) sa llum u konvenjentement ma jsemmux ukoll li jekk wiehed iqis l-investimenti kollha tal- atturi tal-istess tip li saru tramite s-servizzi tas-Socjeta` Konvenuta, l-atturi ghamlu qligh ta' izjed minn €25,000 u dan sahansitra wara li jitnaqqas it-telf fuq l- investimenti bhall-*bond de quo* li naqas fil-valur;

8. Illi fl-ahharnett jinghad illi s-Socjeta` Esponenti ma thossx li hemm rimedju ghall-Ilment kif imressaq mir-rikorrenti peress illi l-Ilment mhuwiex gustifikat.

Sema' x-xhieda u ra l-affidavits ipprezentati;

Ra n-noti ta'sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra tal-kaz;

**Jikkonsidra:**

**L-Eccezzjoni dwar gurisdizzjoni tal-Arbitru:**

Il-provditur tas-servizz qed jeccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni a bazi ta' Klawsola 17 tat-*Terms of Business Agreement* (Dok. CFI).

L-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni ghal dawn ir-ragunijiet:

Din l-eccezzjoni hija ibbazata fuq it-*Terms of Business Agreement*[1] b'referenza ghall-Klawsola 17 intestata '*Governing Law'*.

B'mod konvenjenti, il-provditur jonqos milli jsemmi l-Klawsola 16 fl-istess dokument li tipprovdi li l-provditur kellu jqis kull ilment mill-klijent b'mod ragonevoli u gust, u jekk ma jkunx sodisfatt jista' jiehu l-ilment tieghu quddiem l-MFSA. Din kienet referenza ghall-*Consumer's Complaint Unit* tal-MFSA, li mad-dhul fis-sehh tal-Kap. 555 li waqqaf l-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji, beda jirreferi lill-klijenti li javvicinawh biex jiehdu l-kaz taghhom quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.

Fil-fatt, meta l-ilmentaturi hadu l-kaz quddiem l-MFSA, permezz ta' ittra tas-16 ta' Gunju 2016, il-*Consumer's Complaint Unit* tal-MFSA informathom hekk:

*'The fact that you have referred your case to the MFSA does not prejudice your right to seek other means of redress.* ***Indeed you may now submit your complaint for consideration to the Office of the Financial Arbiter. At this point we would like to make you aware that the remit of the Consumer's Complaint Unit within the Malta Financial Services Authority is being currently phased out and replaced by the Office of the Arbiter for Financial Services'.***[2]

Ghalhekk, l-ilmentaturi ma kellhomx triq ohra hlief li jkomplu l-kaz, li kienu bdew quddiem l-MFSA, quddiem l-Arbitru li ha post dik l-entita` li kienet immexxija mill-MFSA.

Barra minn hekk, meta giet redatta l-klawsola in kwistjoni, li barra li rreferiet ghall-kompetenza tal-Qrati Maltin u ghall-MFSA (*Consumers Complaints Unit*)[3], il-Kapitolu 555 kien ghadu ma giex fis-sehh u, konsegwentement, il-forum tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji kien ghadu mhux kostitwit. **Ghalhekk ma setax ikun eskluz.**

Fil-gurisprudenza taghna gie osservat fil-kawza fl-ismijiet "Edgar Cuschieri - vs- Perit Gustavo R. Vincenti", Appell Civili, 13 ta' Frar 1950, illi "meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car, jew **posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta** u li hemm bzonn tigi maqtugha, allura l-Qrati jkunu obbligati

[1] A fol 168 et seq
[2] A fol 86
[3] Ghax kien dan il-Unit li l-MFSA kienet tuza biex tisma' kazi tal-konsumaturi

jinterpretaw il-konvenzjoni; u din ghandha tigi primarjament interpretata skont l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet."[4]

Kif gja` nghad, wara l-konkluzjoni tat-*Terms of Business Agreement,* il-legizlatur haseb biex jipprovdi dan il-forum specjalizzat biex jiddisponi ahjar minn certi tilwimiet fis-settur finanzjarju. Ghalkemm il-kompetenza tal-qrati ma gietx eskluza, u l-Arbitru ghandu kompetenza konkorrenti, l-intenzjoni prezunta tal-ilmentaturi dwar din l-okkorrenza li sehhet, wara l-kuntratt ta' bejniethom, hi li huma jaqblu li jipprevalixxu ruhhom minn din l-ghodda procedurali iktar idoneja mill-Qrati ipprovduta mil-legizlatur. Tant li gabu l-ilment taghhom quddiem l-Arbitru.

Skont il-Kap. 555, l-Arbitru ghandu l-kompetenza li jisma' kazi li jmorru lura sal-2005, kemm-il darba l-ilmentatur ikun 'klijent eligibbli' u l-provditur ta' servizz finanzjarju jaqa' fid-definizzjoni tal-istess ligi.[5]

L-ilmentatur huwa klijent eligibbli filwaqt li l-provditur tas-servizz finanzjarju jaqa' fid-definizzjoni tal-Kap. 555 u, ghalhekk, l-Arbitru ghandu l-kompetenza jisma' dan il-kaz.

Barra minn hekk, kif inhu redatt dan id-dokument, il-parti dwar gurisdizzjoni intestata '*governing law'* kienet aktar intiza li jkollha dimensjoni internazzjonali ghal dawk il-klijenti li m'humiex Maltin. Ghaliex kieku, ghalfejn tissemma li tapplika l-Ligi Maltija fl-istess klawsola? Huwa ovvju li bejn kontraenti Maltin tapplika il-Ligi Maltija. Ir-referenza ghal '*the jurisdiction of the* ***Maltese*** [6] *Courts'* tkompli tamplifika dan l-argument. U fejn hemm klawsola ta' portata internazzjonali, il-kelma *'Courts'* tinkludi wkoll Tribunali mwaqqfa b'ligi.

Li kieku kellha tintlaqa' l-eccezzjoni tal-provditur tas-servizz, ifisser li hafna mill-kazi li ghandu l-Arbitru jridu jmorru l-Qorti.

Wahda mill-ghanijiet tal-legizlatur, meta holoq dan it-Tribunal, kien li jnaqqas mill-pressjoni li ghandha l-Qorti b'eluf ta' kazi li jidhlu kull sena. Barra minn hekk, il-legizlatur ried johloq makkinarju li jkun anqas kumpless, bi spejjez anqas, u

---

[4] Paul Camilleri vs Joseph Glanville – PA, – Imhallef Philip Sciberras – 28.04.2003
[5] Kap. 555, Art. 2
[6] L-enfasi qed issir mill-Arbitru

minhabba li dan hu settur specjalizzat, u l-procedura stabbilita anqas formali, allura dan it-Tribunal ikun jista' jaqta' l-kazi b'certa heffa.

Ghal dawn il-mottivi l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni u jiehu konjizzjoni tal-kaz.

## L-Eccezzjoni dwar Preskrizzjoni

Il-provditur tas-servizz qed iqajjem il-preskrizzjoni, 'ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta' minghajr ma jindika l-artikoli tal-Kodici Civili kif ormai stabbilit minn diversi sentenzi tal-Qrati taghna. Izda, fin-nota responsiva tieghu, jaghmel referenza ghall-'Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet beda fis-sena 2005'.

Il-preskrizzjoni applikabbli ghal dan il-kaz hija l-preskrizzjoni ta' hames snin skont l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16, ghaliex dan il-kaz jinkwadra fi tranzazzjoni kummercjali u kuntrattwali bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz.

Kwistjonijiet ta' preskrizzjoni, apparti li huma carament regolati bil-Kodici Civili, gew ukoll diskussi matul snin twal mill-qrati taghna. Fost il-principji li stabbilew hemm:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **'Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe.**,[7]

*"Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq";*

---

[7] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru 2003
[8] Holland noe vs Chetcuti, QA, – 25 ta' Frar 2000

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.[8]

Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza "Causon vs Sheibani noe", illi:-**

***"Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'pozizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".***

3. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni.[9]

4. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz, ikun jista' jezercita dik l-azzjoni;

**Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li:**

***'Bla hsara ta' dispozizzjonijiet oħra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

Fid-dawl ta' dan kollu l-Arbitru jrid jara jekk fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz irnexxilux jipprova li l-ilmentaturi skadielhom iz-zmien ta' hames snin minn mindu setghu jezercitaw din l-azzjoni.

Il-kwistjoni tal-kaz mhix il-bidu tar-relazzjoni bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz, kif irid jghid il-provditur tas-servizz, imma l-prodott *MT- Energie* li nbiegh lill-ilmentaturi fis-sena 2013, u li beda jaqa' fil-valur b'mod konstanti ftit wara li nbiegh lill-ilmentaturi. Il-provditur tas-servizz informa lill-ilmentaturi dwar dan fl-2015.

L-Artikolu 2137 tal-Kap. 16, jipprovdi li l-preskrizzjoni tibda tghodd minn meta setghet issir l-azzjoni. **Zgur li anke kieku l-ilmentaturi indunaw li l-investiment beda niezel fis-sena 2013, meta xtraw il-prodott,** li mhuwiex il-kaz, il-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156 (f) ghadha m'ghaddietx.

[9] Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited, PA, 12/10/2004

Apparti dan, huma kienu wkoll interrompew il-preskrizzjoni permezz ta' att gudizzjarju tas-6 ta' Lulju 2016.

Ghal dawn il-mottivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**L-Eccezzjoni dwar Nullita`**

Din l-eccezzjoni hija, fil-fehma tal-Arbitru, wahda frivola. Il-Kap. 555 li jirregola l-procedura f'din il-materja jistipula fl-Artikolu 22(1) dan li gej:

**22.** (1) Persuna li tkun qed taghmel l-ilment ghandha tressaq ilment quddiem l-Arbitru **bil-miktub** fejn **tidentifika l-parti li kontriha jkun sar l-ilment, ir-ragunijiet ghall-ilment, u r-rimedju li jkun qed jintalab.**

L-ilmentaturi dan ghamluh u mhemm xejn null f'dak li ghamlu.

Anke qabel ma saru bidliet kbar fil-Kodici tal-Procedura Civili fl-1995, fejn tnehhew kwazi ghal kollox in-nullitajiet, il-Qrati taghna kienu diga` ddikjaraw li n-nullita` ta' att ghandu jkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola u dan sabiex il-gustizzja sostantiva ssehh. Dan japplika aktar u aktar quddiem Tribunal bhal dak odjern fejn il-legizlatur stabbilixxa nuqqas ta' formalita` ghall-ekonomija u l-heffa tal-gudizzju.

Ghal dawn il-mottivi din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

**Il-Mertu**

L-ilmentaturi bdew ir-relazzjoni professjonali taghhom ma' Crystal Finance Investments Ltd. (CFI) f'Jannar 2005. F'dik is-sena, imtela *Fact Find* u, jidher bic-car, li s-Sinjuri FD u ED kienu gew kategorizzati bhala investituri *Low Risk*. F'Jannar tas-sena 2013, sar *review* tal-*Fact Find* u l-profil taghhom inbidel ghal wiehed *Medium/High.*

Ma saritx *Fact Find* gdida imma saret firma fuq il-*Fact Find* ta' qabel.

Imma, dwar il-profil tar-riskju tal-ilmentaturi, l-Arbitru jikkummenta aktar 'il quddiem.

Wiehed mill-elementi ewlenin ta' dan l-ilment huwa dak li l-provditur tas-servizz biegh prodott lill-ilmentaturi, li minn qabel ma nbiegh, kien nizel sew fil-prezz tieghu u ma kellux jinbiegh lill-ilmentaturi.

Minn analizi li saret ta' din l-allegazzjoni, jirrizulta dan li gej:

Meta nxtara l-*MT-Energie* f'Lulju 2013, il-prezz kien 96% - certament li dan ma kienx indikattiv ta' problemi. Is-Sinjuri FD u ED qalu li, sal-mument li saret it-tranzazzjoni, ic-caqlieq fil-prezz tal-*bond* kien diga` qed jirrifletti li mhux kollox kien ward u zahar.

Saret analizi tal-prezzijiet[10] mill-1 ta' Jannar 2002, (dak kien l-ewwel prezz disponibbli) sal-24 ta' Lulju 2013, il-*value date* tal-investiment tal-ilmentaturi. Kien hemm zewg caqliqiet 'l isfel fil-prezz imma dan irkupra ftit wara. L-indikaturi, anke skont grafika ippubblikata, ma jaghtu l-ebda hjiel ta' x'kien se jigri lill-prezz u anke lill-kumpanija.

Il-prezz apparti, intqal ukoll li r-*rating* tal-*bond* kienet minn dejjem ghan-nizla (fol. 67). Sa ftit qabel it-tranzazzjoni tas-Sinjuri FD u ED, ir-*rating* kienet *BBB-* (*watch*). F'Ottubru 2012 u f'Dicembru 2011, kienet *BBB-.* F'Ottubru 2011, kienet *BB+.* Ma hemm xejn allarmanti f'dan.

Kien wara t-tranzazzjoni tas-Sinjuri FD u ED li r-*rating* beda jinzel ghal *BB-, B-, B-(watch)*, sakemm imbaghad nizel ghal *D* f'Ottubru 2014. Il-*Credit Rating Report* ippubblikat f'Ottubru 2012, jaghti indikazzjoni, fost affarijiet ohra, li "*risks of further growth to be manageable*" (fol. 58, pagna ta' wara).

Irid jinghad li l-affarijiet bdew jiehdu zvolta differenti wara li investew is-Sinjuri FD u ED. Huwa veru dak li qalu l-ilmentaturi, fl-ittra taghhom lil CFI tal-21 ta' Lulju 2015, (fol. 48 u fol. 49), cioé *"MT-Energie had suffered considerable operating loss in the first half of 2013 (in millions of euro) from that of the previous year".* Pero`, din l-informazzjoni ma hargitx qabel tliet xhur wara li huma kienu investew.

[10] http://www.finanzen.ch/obligationen/historisch/8_250-MT-Energie-Obligation-2017-DE000A1MLRM7/BER/1.1.2002_24.7.2013

Għalhekk, dak li jikkwotaw l-ilmentaturi 'mill-*internet*' mhuwiex korrett u, għalhekk, din il-parti tal-ilment ma tirrizultax.

**L-Element tar-Riskju**

M'hemmx dubbju li dan l-investiment kellu riskju għoli. Il-kupun waħdu (cioé 8.25%), kien diga` indikazzjoni li dan il-*bond* partikolari kellu element ta' riskju elevat. Ma teżisti ebda *bond* b'rata għolja ta' imgħax imma b'riskju baxx. Il-fatt li kellha *rating* ftit aħjar minn dik li ħargu minnha is-Sinjuri FD u ED (*Thomas Cook 2017*), ma jdgħajjifx il-fatt li kienet *bond* ta' riskju elevat.

Pero` wieħed irid jara d-dispożizzjoni tal-ilmentaturi għal dan ir-riskju. Hija sfortuna li, ħafna drabi, il-konsumatur iħares lejn il-kupun u ma jqisx ir-riskju marbut magħhom. Dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` tal-provditur tas-servizz, li jiggwida mill-aħjar li jista lill-konsumatur, għaliex il-provditur huwa mistenni li jkun infurmat aħjar.

Kull każ irid jittieħed fil-merti u c-cirkostanzi tiegħu.

Għalhekk, l-Arbitru jrid jipprofondixxi aktar minn hekk, u jħares lejn il-fatti kollha tal-każ.

Il-CFI ipproducew *statement* dettaljat ħafna tat-tranżazzjonijiet tal-investiment tas-Sinjuri FD u ED mis-sena 2005. Għall-bidu, l-orjentazzjoni tal-portafoll tagħhom kien fil-Lira Sterlina.  Imbagħad, bdew jaqilbu l-munita minn dik Ingliża għall-Ewro. L-ilmentaturi għamlu qligħ tajjeb mill-investimenti fl-iSterlina. Ma tistax tgħid l-istess għall-investimenti fl-Ewro, għax kien hemm telf fil-kapital u li l-imgħax/rendiment li ġġeneraw l-investiment fl-Ewro, ma kienx biżżejjed biex jagħmel tajjeb għal dan it-telf kapitali.

Meta wieħed jifli l-binja tal-portafoll tagħhom, jidher li l-orjentament tagħhom kien aktar lejn investimenti li jiġġeneraw imgħax għoli. Kellhom taħlita ta' *bonds* diretti, u riċentement, *Bond Portfolios* imħaddma minn CFI. Kellhom xi ħaġa wkoll f'*bond funds* tal-*UBS* (dan għall-ħabta tas-sena 2015).

Ma tistax tgħid li kien portafoll *low risk*. Forsi aktar kellu orjentament *medium risk*, forsi f'xi każi anke *high risk*. Il-kupuni ta' wħud mill-*bonds* ma kienux mill-baxxi, u wieħed ma jistax ma jinnotax *bonds* b'kupuni 'il fuq minn 5% li nxtraw mis-sena 2010 'l hawn.

Irid ukoll jigi pprecizat f'dan l-istadju, li qabel mal-ilmentaturi sostnew telf kapitali fuq l-*MT-Energie*, huma kienu diga` sofrew xi telf fuq xi *bonds* li kellhom (naturalment mhux fl-istess dimensjoni tal-*MT-Energie*). Per ezempju, kellhom *Medium Term Note* tal-*Monte dei Paschi di Siena* li hargu minnha b'telf ta' madwar GBP4800.

Mit-taghrif fil-*file,* wiehed ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li l-investiment *de quo* ma kienx *in line* mal-portafoll li kellhom l-ilmentaturi.

F'kuntest ta' riskju, bhal din it-tip ta' *bond*, l-ilmentaturi kellhom *bonds* ta' riskju elevat fil-portafoll taghhom.

Sahansitra, wiehed jista' wkoll jasal ghall-konkluzjoni li ma kien hemm ebda propensita` li jnaqqsu r-riskju taghhom, ghax fl-2014, investew f'*High Yield Bond Fund.*

Wiehed jasal ukoll biex jghid, li certu livell ta' gharfien u esperjenza fl-investimenti kellhom, specjalment is-Sur FD u ED. Kienu konoxxenti li kien hemm riskju fl-investimenti li kellhom. Ironikament, ghalkemm kellhom ir-rendikonti semestrali li juru il-valur tal-investimenti taghhom, (inkluz il-waqgha tal-valur ta' *MT-Energie*), xorta baqghu jinvestu *tramite* Crystal Finance Investments Ltd.

Sinifikattiva hija l-ittra li kitbu l-ilmentaturi fil-21 ta' Lulju 2015,[11] lill-provditur tas-servizz, fejn wara li ressqu l-ilmenti taghhom ghal dak li, fil-fehma taghhom kien trattament hazin, kitbu hekk:

***'We do understand that investing money is a gamble. It is impossible to be always on the winning end. However, there were and still are signs that this is a bad investment …..'***

Minn dan il-bran jidher li l-ilmentaturi kienu konxji li '*investing money is a gamble,*' u ghalhekk, aktar taw kaz tal-kupun fl-investimenti milli r-riskju inerenti fihom.

Ghalhekk, ma jistax jinghad li dan il-prodott ma kienx ***suitable*** ghalihom.

[11] A fol 49

**Responsabbiltajiet tal-Provditur tas-Servizz**

Pero`, f'dan il-kaz, il-provditur tas-servizz kellu n-nuqqasijiet tieghu ukoll.

F'Settembru 2013, l-*M-T Energie* harget stqarrija li l-affarijiet fil-kumpanija ma kienux sejrin tajjeb. Dan kien indikatur li l-provditur tas-servizz kellu jaghti kazu u kellu, immedjatament, jinforma lill-ilmentaturi sabiex dawn ikunu jistghu jiehdu d-decizjonijiet: jekk ihallux flushom f'dan l-investiment jew le. Qed jinghad dan ghaliex, fid-difiza tieghu, il-provditur tas-servizz cahad li kellu xi obbligu li jaghmel dan peress li s-servizz kien wiehed *'advisory'* u mhux diskrezzjonarju.

L-Arbitru ma jaqbilx ma' dan ghar-ragunijiet li gejjin.

Is-sinjali li l-affarijiet ma kienux sejrin tajjeb hargu f'Settembru 2013. Il-prezz tal-*MT-Energie* waqa' drastikament. Dan gie rifless fl-i*statements* li l-ilmentaturi ircevew sa Dicembru 2013, Gunju 2014 u Dicembru 2014. Il-provditur tas-servizz ma baghat ebda taghrif lill-investituri ghala kien hemm waqgha fil-valur tal-*bond*.

Fis-sena 2014, il-provditur tas-servizz kellu ta' lanqas zewg opportunitajiet biex jinforma lis-Sinjuri FD u ED b'li kien qed jigri. Fis-7 ta' Lulju 2014, saret laqgha bejn is-Sur Ellul u s-Sinjuri FD u ED u ittiehdet *Client Review Form*.[12] L-iskop (*Meeting requested by Crystal Finance Investments (CFI*)) kien *Review of Bond:*

*PagesJaunes 2018 Direct Bond Position. Review: Realising profits and spreading risks*. Gie rrakkomandat lilhom li johorgu minn din il-*bond* u l-*proceeeds* jigu investiti f'*fund* tal-*UBS (High Yield Bond Fund).* Ma saret l-ebda referenza ghall-*MT-Energie.*

F'Ottubru 2015, is-Sur Ellul (tal-CFI), ghamel kuntatt bit-telefon mas-Sinjuri FD u ED, din id-darba b'reazzjoni ghas-sitwazzjoni relatata ma' *Bond Portfolio BP147*, fejn zewg *underlying bonds* waqghu fil-valur, u li kien se jaffettwa l-investiment taghhom. Wieghdhom li kien se jzommhom aggornati. Ghal darba ohra, l-ebda referenza ghall-*MT-Energie*.

---

[12] A fol 138

Fl-ittra tat-30 ta' Lulju 2015, lis-Sinjuri FD u ED,[13] il-CFI kitbet hekk: "... *the advisory mandate places on the intermediary a suitability onus at the point when advice is given but does not include constant monitoring or managing of investments as would be the case under a discretionary mandate*".

Din hija wkoll difiza f'dan il-kaz. L-Arbitru ma jaqbel xejn ma' din il-pozizzjoni. L-istess provditur tas-servizz irraguna mod iehor f'investimenti ohra li kellhom l-ilmentaturi.

F'ta' lanqas tlett okkazzjonijiet ohra, agixxa b'mod differenti: baghat ghall-investitur u ggwidah x'kellu jaghmel: fil-kaz tal-*PagesJaunes 2018*, fil-kaz tal-portafoll *BP 147,* u anke fil-kaz ta' *Monte dei Paschi di Siena*. F'dawn l-okkazjonijiet, il-provditur kien qed jaghmel *monitoring* tal-investimenti u ssuggerixxa rimedji lill-ilmentaturi, li accettaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-provditur tas-servizz odjern. Ghaliex f'dan il-kaz biss qed titqanqal id-difiza li l-provditur kien responsabbli tal-parir biss *(advisory*)?

L-Arbitru jhoss, li f'dan il-kaz, il-provditur tas-servizz naqas meta ma nfurmax fil-hin lill-ilmentaturi, li l-prodott li dwaru sar l-ilment kien sejjer hazin, u li kellha tittiehed azzjoni immedjata biex jonqos it-telf.

Il-provditur tas-servizz huwa licenzjat mill-MFSA bhala provditur tas-servizz finanzjarju u ghalih japplikaw l-*Investment Services Rules for Investment Services Providers*:[14] kif ukoll id-Direttiva MiFID, li saru biex jaghtu protezzjoni ahjar lill-konsumaturi u jaghtu kredibilita aktar lis-settur finanzjarju Ewropew.

Ir-regolament li jipprevala fuq l-ohrajn kollha huwa dak li jghid:

***'When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the Regulations issued thereunder, these Rules as well as with other relevant legal and regulatory requirements …..'***[15]

[13] A fol 43 faccata ta' wara
[14] ISR- Part BI: Standard Licence Conditions applicable to Investment Service Licence Holders which qualify as MIFID Firms
[15] ISR- Part BI Rule 2.01

L-Arbitru jrid jiddeciedi l-kaz fuq dak li fil-fehma tieghu huwa **gust, ekwu u ragonevoli** fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.[16]

Ghalhekk, a bazi tal-fatti kollha tal-kaz, l-Arbitru jhoss li filwaqt li l-ilmentaturi kellhom esperjenza bizzejjed u anke fehemu r-riskji abbinati mal-prodott, u mir-riskji l-ohra li hadu f'investimenti precedent, jidher li kellhom dispozizzjoni li aktar jaghtu kaz lill-kupun milli r-riskji; madankollu, il-provditur tas-servizz kellu l-obbligu li jsegwi l-prodott u jinforma tempestivament lill-ilmentaturi bl-andament negattiv tal-prodott sabiex ikunu jistghu jiehdu r-rimedji necessarji fil-hin.

Ghalhekk, l-Arbitru jhoss li b'mod ekwu, gust u ragonevoli, it-telf li garrbu l-ilmentaturi ghandu jinqasam bejn il-partijiet. L-ammont ta' telf li ndikaw l-ilmentaturi minn dan il-prodott kien ta' hdax-il elf Ewro u din il-figura ma gietx kontradetta mill-provditur tas-servizz li jsemmi figuri ohra li m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dan il-kaz.

Ghal dawn il-mottivi, l-Arbitru qed jilqa' l-ilment in parte, u jordna lill-provditur tas-servizz finanzjarju, cioe` lil Crystal Finance Investments Ltd. ihallsu lill-ilmentaturi s-somma ta' hamest elef u hames mitt Ewro (€5,500), b'imghax ta' hamsa fil-mija fis-sena mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-effettiv pagament.

Kull parti ghandha ggorr l-ispejjez taghha.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

[16] Kap. 555 Art 19(3)